MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 564/2011

**EMD Advisory Services Limited (C 277724)**

**Vs**

**Martin William Stephen Else (K.I. 58369A)**

**Conrad Borg Manche (K.I. 510780M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-socjeta' attrici, pprezentat fis-6 ta' Lulju, 2011 li permezz tieghu ppremettiet:

Illi ghall-habta ta' Dicembru 2010, is-socjeta' rikorrenti giet inkarigata mill-intimati sabiex jinghata numru ta' pariri u assistenza dwar ir-registrazzjoni u strutturar ta' zewg kumpaniji li l-intimati kellhom il-hsieb li jiffurmaw – wahda lokali u ohra li kellha tigi registrata f'guristizzjoni ohra;

Illi wara li l-intimati nghataw il-pariri u assistenza relattiva minghand is-socjeta' rikorrenti, huma qabdu u fethu l-kumpaniji in kwistjoni minghajr ma nfurmaw lis-socjeta' rikorrenti b'dan;

Illi meta gew mitluba jhallsu l-ammont ta' hames mija u disghin ewro (€590) li kien dovut ghas-servizzi rezi mis-socjeta' rikorrenti, dawn baqghu inadempjenti;

Illi wara li l-intimati gew interpellati jhallsu l-ammont dovut permezz ta' ittra ufficjali numru 1736/11 (annessa flimkien mar-risposta prezentata fl-atti tal-istess ittra - Dok EMD1 u 2) dawn wiegbu li l-ammont pretiz mhux dovut u li l-pretensjoni taghha hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan minkejja li hekk kif jirrizulta mill-korrispondenza li kien hemm bejn il-partijiet meta s-servizzi in kwistjoni gew rezi (dok EMD3), kienu l-intimati stess li talbu lis-socjeta' rikorrenti sabiex tghaddilhom il-kont dovut.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, jghidu l-intimati, ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux jiddikjarhom, solidalment flimkien, debituri tas-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' hames mija u disghin ewro (€590), rapprezentanti l-bilanc dovut minnhom ghas-servizzi u assistenza reza lilhom mis-socjeta' rikorrenti u jikkundannhom ihallsu l-ammont imsemmi. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 1736/11 bl-imghax relattiv mid-data meta l-pagament gie dovut, kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra ir-risposta tal-konvenut, Conrad Borg Manche, pprezentata fit-12 ta' Settembru, 2011 li biha eccepixxa illi:

It-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

Fl-ewwel lok, il-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici fil-konfront tal-intimat Conrad Borg Manche' huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici ma huwiex dovut mill-intimat Conrad Borg Manche'. Kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza, kwalunkwe servizz, parir jew assistenza professjonali pprestati mis-socjeta' attrici, inghataw fuq inkarigu tal-intimat Else, u lilu a beneficcju tal-istess intimat Else. Kien l-istess intimat Else illi fil-fatt talab, rcieva w accetta l-fattura mertu ta' dawn il-proceduri.

Fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa fi kwalunkwe kaz eccessiv.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenut, Martin William Stephen ELse, pprezentata fl-4 ta' Dicembru, 2012 li biha eccepixxa:

Illi l-konvenut Martin Else William Stephen qatt ma ha jew talab servizzi mill-kumpanija attrici;

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt;

Illi kull ma ghamel l-konvenut kien li nghata "tour" fl-ufficini tas-socjeta' attrici u li huwa ma dahal fl-ebda kuntratt ta' servizzi jew xort' ohra;

Illi kull ma sar bejn il-partijiet kien “exchange” ta’ numru zghir t’ “email”.

Bl-ispejjez.

Sema’ x-xhieda ta’ Stephen Brincat;

Xehed Stephen Balzan li Conrad Borg Manche li kien jahdem ma’ EMD Advisory Services Limited kien avvicina lil Stephen Balzan biex jkellmuh dwar klijent tieghu li xtaq parrir fuq taxxa nternazzjoniali u kif kellu jaghmel struttura f’Malta. Kellhom laqgha ta’ siegha ma’ zewg persuni, Borg Manche u Else, u f’din il-laqgha taghhom il-pariri li xtaqu dwar setup ta’ kumpaniji biex jiehdu benefficji ta’ incentivi ta’ taxxa. Wara l-laqgha taghhom il-*fee structure* dwar setup ta’ zewg kumpaniji f’Malta u wahda barra minn Malta.

Wara din il-laqgha s-Sur Else talab laqgha ohra fejn ghamlu tlett kwarti jew siegha ohra jiddiskutu d-dettalji tal-ewwel laqgha. Wara dan, ma sema’ xejn, kien ikkontattja lill Borg Manche li qallu li kienu ser jaghmlu l-kumpaniji wahedhom. Brincat iddikjara li ma kellux problema illi pero’ kellu jithallas ghaz-zewgt’ laqghat tieghu[1]: “*Ma nafx ir-relazzjoni ta’ bejn Borg Manche u Else imma naf li huma shab f’kumpanija*”.

Xehed Conrad Borg Manche li nforma t-Tribunal li kien gie avvicinat minn Stephen Martin Else li kien talbu ghajnuna dwar kif u x’kellu jaghmel biex jibbenefika minn invcentivi tat-taxxi biex jaghmel business f’Malta. Ir-relazzjoni tieghu kien wiehed ta’ konsulent. Infatti kien hadu ghand EMD Advisory Services Limited li pero’ sabhom gholjin wisq u ghalhekk iddecida li jaghmel dan is-setup minghajr ma juza s-servizzi ta’ EMD. Xehed li hu kien silef flus lil Stephen Else u sallum baqa’ minghajrhom. Illi hu kien pretenda li jhallas lill Stephen Balzan ghax-xoghol tieghu imma il-kont kien eccessiv. Ma jfissirx pero’ li ghandhom jhallashom hu ghaliex il-parir ma kienx ghalih imma ghal Else. Hu ddikjara li ma kellux bzonn

[1] Ara Doks EMD 1 sa EMD

il-parrir ghaliex kien jaf x'kellu jaghmel imma kellu bzonn li EMD jaghmlu x-xoghol ghaliex ma kellux *BVI Contact, I got the BIVI contact later and then I could do everything myself.*

Hu kien involut bhala *shareholder* ta' Company Malta News Limited li giet registrata fil-31 ta' Dicembru 2010 u kien ukoll *company secretary.* Pero is-socjeta m'ghadhiex tiffunzja illum u jiena irrizjenjajt ghaliex Else fetah socjeta' ohra in kompetitizzjoni maghha.

Xehed Else li qal li ried jaghnel business ta' publikazzjoni ta' *gazzetti door to door*. Kellu bzonn is-servizzi ta' *accountant* u sab lil Conrad Borg Manche li wera hafna interess u anke investa fil-kumpanija s-somma ta' ghoxrin elf ewro (€20,000). Conrad Borg Manche hadu ghand EMD Advisory Services pero' hu kien ha parir minn ghand Borg Manche. L-interess tieghu kien li jiehu r-rata biex jistabilixxi socjeta' *offshore* li ammetta li kullhadd kien qed jirrifjuta jaghtih. Kellhom zewg laqghat ma' Balzan wiehed fejn taghhom ir-rati u gieghel lil Balzan ihallas *confidentiality agreement*. Kien hu li tah lil Balzan, u laqgha ohra ta' ghoxrin (20) minuta. Hu ddikjara *I did not act on the advice of Stephen Balzan. Conrad Borg Manche had already informed me that he was aware of the procedure… of setting up an offshore company which is what I needed and wanted.* Hu fehem li meta kienu ser imorru ghand Balzan ir-relazzjoni bejn Balzan u Borg Manche kien tajjeb bizejjed li mhux ser jiccargjahom ghall-parir baziku. Infatti kien Balzan stess li qal li l-ewwel siegha kien bla hlas.

Rega' xehed Balzan li ddikjara illi r-rata tieghu hija ta' mitejn u hamsin ewro (€250) fis-siegha (VAT inkluz). Hu kkonferma li l-hin li qatta' kien ta' saghtejn u nofs jew tlett sieghat, u kien qed jiccargja ukoll ghar-risponsabilta' tal-parriri li tahom.

Illi minkejja l-eccezzjonjiet, hareg mill-provi li l-kwistjoni tirrevolvi madwar l-eccessivita' tal-kont. Illi Borg Manche qal: *I contend that the service was given but to him he was asking for them and therefore I am not responsible however I still think that they are excessive.* Hu ammetta li l-istruttura intuzat imma kienu jafu minn qabel – pero' din ix-xhieda jikkontrasta mad-domandi li staqsa fl-emails fejn kien qed jitlob aktar informazzjoni minghand Balzan. Illi ghalhekk hemm konflitt bejn ix-xhieda tal-partijiet. Illi wiehed issa jrid jistablixxi jekk Balzan kienx gie uzat mill-konvenuti biex jiehdu l-infomazzjoni kollha necessarja biex imbghad huma

jaghmlu x-xoghol minghajr ma jinvolvu lil Balzan. It-Tribunal jahseb illi l-konvenuti hasbu illi setghu jiehdu l-parriri minghajr hlas biex imbaghad jaghmel ix-xoghol il-konvenut Borg Manche kif jidher li sehh. It-Tribunal issa ghandu jidhol fil-kwistjoni tal-kont, il-hin, u r-rati. Illi hareg illi ma kienx hemm kjarifkazzjoni la min-naha ta' Balzan u lanqas mill-konvenuti dwar hlas. Jekk dawk kienu r-rati kien idoneu li Balzan ikkomunikahom lill-konvenuti li kienu taht l-impressjoni, mid-dehra, li galadarba ma ghamilx is-*setup* hu ma kellux jithallas. It-Tribunal ihoss illi parir inghata, illi mill-provi hareg li l-parir intuza mill-konvenuti u li mhuwiex xoghol it-Tribunal jidhol fir-rati ta' konsulenti. Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut Borg Manche li xi parir, instruzzzjoni ecc kien ghall-beneficcju tall-konvenut Else. Mix-xhieda hareg illi Borg Manche kien ukoll investa f'din is-socjeta. It-Tribunal jaqbel mas-socjeta' attrici illi z-zewg partijiet ghandhom jkunu solidament responsabbli ghall-ammonti mitluba.

**DECIZJONI**

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' hames mija u disghin ewro (€590) li ghandu jithallas mill-konvenuti in solidum; jichad l-eccezzjonijiet kollha; u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------